MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-18 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 300/2007

**Il-Prim Ministru u l-Vici Prim Ministru u Ministru tal-Gustizzja u l-Intern**

**vs**

**Nicholas Jensen, Agnese Gera de Petri u Alfred Gera de Petri ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Irene mart John Bache t-tlieta kemm f'isimhom proprju kif ukoll fil-kwalita' taghhom ta' eredi tal-mejta Helen Miles, Mario Galea Testaferrata li fil-verbal tas-seduta tas-16 ta' Jannar 2014, il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li stante l-mewt ta' Mario Galea Testaferrata, l-atti tal-kawza jigu trasfuzi f'isem Camilla Scerri, James Galea Testaferrata, Maria Galea Testaferrata u Simon Galea Testaferrata; Anna Maria mart John Spiteri Debono kemm f'isimha proprju kif ukoll ghan-nom ta' Karen mart it-Tabib Joseph Preziosi, Ganni Grech u martu Emmanuela sive Lelina Grech kemm f'isimha proprju kif ukoll fil-kwalita' taghha ta' eredi tal-mejjet George Thewma u Maria Cassar, Josephine**

**Bajada, Georgia Thewma, Jack Thewma u Maria Thewma fil-kwalita' taghhom ta' eredi tal-mejjet George Thewma u l-istess Maria Thewma f'isimha proprju**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-Prim Ministru u l-Vici Prim Ministru u l-Ministru tal-Gustizzja u l-Intern, li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Fit-3 ta' Ottubru 2000 kienet ippronuncjata sentenza mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet '*Mario Galea Testaferrata, Nicholas Jensen, Helen armla ma' Malcolm Miles, Agnes mart l-ispizjar Alfred Gera de Petri u l-istess Spizjar Alfred Gera de Petri li jidher ghan-nom u in rapprezentanza ta' Irene mart John Bach, Anna Marie mart John Spiteri Debono li tidher kemm f'isimha proprju kif ukoll ghan-nom ta' l-imsiefra Karen mart it-tabib Joseph Preziosi vs Il-Prim Ministru, il-Ministru tal-Gustizzja, George u Maria konjugi Thewma, u Ganni u Lelina konjugi Grech'* (Rikors Numru 348/91RCP), liema sentenza nghatat meta wiehed mill-partijiet fil-kawza, u cioè George Thewma kien ilu zmien twil mejjet u hadd ma kien assuma l-atti tal-kawza ghalih u ma kienet saret ebda trasfuzzjoni tal-gudizzju dwaru;

Kif jirrizulta mic-Certifikat tal-Mewt, hawn anness u mmarkat 'Dok. A', George Thewma miet fit-22 ta' Marzu 1993 liema data tad-dimora tipprecedi l-imsemmija sentenza kif ukoll id-data meta l-imsemmija kawza kienet giet differita ghas-sentenza;

Id-decess ta' George Thewma sehh meta l-kawza kienet ghadha mhux konkluza, liema avveniment tad-decess ta' wahda mill-partijiet jopera necessarjament l-interruzzjoni tal-gudizzju, bil-konsegwenza tan-nullita' ta' l-atti li jsiru fil-perijodu interruttiv;

L-istanti gew a konnoxxenza ta' dana l-fatt biss wara li nghatat is-sentenza u wkoll wara li kienu intavolaw appell

minnha, liema appell sussegwentement gie dikjarat dezert proprju minhabba n-nuqqas ta’ notifika ta’ l-istess George Thewma li kien ilu mejjet;

Ghalkemm il-principju sucitat mhux assolut fl-istadju meta l-kawza tkun waslet fl-istat li tkun tista’ tigi gudikata, l-avveniment tal-mewt ta’ George Thewma sehh fl-istadju precedenti li l-kawza thalliet sabiex tghaddi in gudikat;

Dana kkrea pregudizzju lill-istanti stante illi l-okkju tas-sentenza ma giex registrat precizament sabiex jirrifletti l-avveniment tal-mewt ta’ George Thewma u l-partijiet fil-kawza ghalhekk ma kienux jirrizultaw fis-sentenza u dan b’mod li gie pregudikat l-ezercizzju effettiv tad-dritt ta’ l-appell ta’ l-esponenti billi l-ezercizzju ta’ l-istess dritt gie sottomess ghal ostakolu (u cioe’ l-impossibilita’ li ssir notifika lil wiehed mill-partijiet) illi mhux suppost sehh;

Pronuncjament tas-sentenza f’sitwazzjoni meta uhud mill-partijiet kienu hajjin u parti ohra kienet mejta u allura fl-impossibilita’ li tiddefendi l-kawza jgib ukoll bhala konsegwenza kemm l-illegalita’ ta’ l-istess sentenza kif ukoll id-difett konsistenti fin-nuqqas ta’ rispett tal-principji fondamentali tal-gustizzja fl-istess;

Ghalhekk s-sentenza ppronunzjata fit-3 ta’ Ottubru 2000 hija nulla u bla effett stante li nghatat fil-perijodu meta kien hemm interruzzjoni tal-gudizzju u meta ma setghetx tigi pronuncjata,

Talbu r-rikorrenti jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara u tiddeciedi li s-sentenza fuq imsemmija moghtija fit-3 ta’ Ottubru 2000 fl-ismijiet ‘*Mario Galea Testaferrata et vs Il-Prim Ministru et’* (Rikors Numru 348/91) hija ghar-ragunijiet fuq premessi u b’mod partikolari stante illi l-istess sentenza inghatat fil-konfront ta’ George Thewma li miet fit-22 ta’ Marzu 1993, liema mewt ipprecediet id-data ta’ meta l-kawza giet differita ghas-sentenza, nulla u minghajr effett; u

Thassar u tannulla l-istess sentenza u tordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-kawza fl-ismijiet '*Mario Galea Testaferrata et vs Il-Prim Ministru et'* (Rikors Numru 348/91) mill-istadju li kienet fih meta miet George Thewma.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Nicholas Jensen, Agnese Gera de Petri u Alfred Gera de Petri ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Irene mart John Bache t-tlieta kemm f'isimhom proprju kif ukoll fil-kwalita' taghhom ta' eredi tal-mejta Helen Miles, Mario Galea Testaferrata, Anna Maria mart John Spiteri Debono kemm f'isimha proprju kif ukoll ghan-nom ta' Karen mart it-Tabib Joseph Preziosi, li in forza taghha gie eccepit illi:

Fl-ewwel lok, ir-rikors propost mir-rikorrenti huwa proceduralment improponibbli billi s-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali u tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili li jkunu ghaddew in gudikat jistghu jigu biss annullati bil-mezz ta' ritrattazzjoni, u fil-kaz ta' sentenza ta' prim'istanza bil-mezz tal-appell;

Dan ir-rimedju huwa wkoll improponibbli billi fil-konfront tar-rikorrenti kienu ttentaw appell minghajr success, u se mai kien fl-appell li tali aggravju seta' jitqajjem u jigi indirizzat;

Fir-rigward tar-rikorrenti, is-sentenza ma hija bl-ebda mod difettuza billi l-mewt ta' wiehed mill-intimati bl-ebda mod ma affettwat il-pozizzjoni tar-rikorrenti fil-kawza, u bl-ebda mod fir-rigward tar-rikorrenti ma tbiddel il-konkluzjoni fil-konfront tal-eccipjenti li d-drittijiet fondamentali tal-eccipjenti kienu gew lezi;

Inoltre, huwa evidenti li r-rikorrenti ma ghandhom l-ebda interess fil-kawza kif minnhom proposta ghaliex fir-rigward tal-istess rikorrenti, l-atti kienu legittimi u korretti, u se mai,

kwalsiasi difett kienet taffettwa biss il-pozizzjoni tal-mejjet George Thewma;

Fir-rigward il-fatti dikjarati, l-esponenti bil-gurament ta’ Agnes Gera de Petri jiddikjaraw is-segwenti:

Il-fatti kif dikjarati fl-ewwel paragrafu tar-rikors guramentat tar-rikorrenti mhux kontestati;

Il-fatti kif dikjarati fit-tieni paragrafu tar-rikors guramentat tar-rikorrenti mhux kontestati;

Il-fatti kif dikjarati fit-tielet paragrafu tar-rikors guramentat tar-rikorrenti huma kontestati billi kien obbligu tal-werrieta li jillegittimaw l-atti u l-eccipjenti bl-ebda mod ma kienu konxji minn dan id-decess u hadd ma attiralhom l-attenzjoni taghhom gha dan il-fatt;

Il-fatti kif dikjarati fir-raba’ paragrafu tar-rikors guramentat tar-rikorrenti mhux kontestati, pero’ jigi rilevat li fil-kors tal-appell, ir-rikorrenti qajmu l-kwistjoni tal-fatt tal-mewt tal-istess George Thewma bhala raguni ghaliex il-Qorti kellha tannulla s-sentenza minflok tiddikjara l-appell taghhom dezert u l-Qorti xorta wahda ddikjarat l-appell dezert;

Il-fatti kif dikjarati fil-hames paragrafu tar-rikors guramentat tar-rikorrenti mhux kontestati bhala fatt imma huma kontestati fir-rigward tal-implikazzjoni li l-atti ghalhekk kienu nulli;

Il-fatti kif dikjarati fis-sitt paragrafu tar-rikors guramentat tar-rikorrenti huma kontestati billi ma gie kreat l-ebda pregudizzju lir-rikorrenti la fis-smiegh tal-kawza u lanqas fis-smiegh tal-appell; kien jispetta se mai lill-appellant li tempestivament jillegittima l-atti jekk verament kellu interess li l-appell tieghu jimxi u ma jistax issa jgib in-nuqqas tieghu bhala raguni biex jannulla l-proceduri;

Il-fatti kif dikjarati fis-seba’ paragrafu tar-rikors guramentat tar-rikorrenti huma kontestati u senjatament fil-konfront tar-rikorrenti certament ma jistax jinghad li b’xi mod kien hemm xi difett ta’ smiegh xieraq jew altrimenti; jigi inoltre

ccarat li lanqas fil-konfront tal-eredi ta' George Thewma ma kien hemm l-ebda difett ta' smiegh xieraq ghaliex dawn kellhom kull opportunita' kieku riedu li jillegittimaw l-atti u jiddefendu l-interess tal-eredita', haga li huma naqsu li jaghmlu;

Il-fatti kif dikjarati fit-tmien paragrafu tar-rikors guramentat tar-rikorrenti huma kontestati billi s-sentenza in kwistjoni la hija nulla u lanqas annullabbli, ma hija affetta minn l-ebda difett, u finalment certament sentenza tal-Qorti ma tistax tigi annulata bil-mod u procedura proposta mir-rikorrenti.

Rat ir-risposta guramentata ta' Ganni Grech u martu Emmanuela sive Lelina Grech kemm f'isimha proprju kif ukoll fil-kwalita' taghha ta' eredi tal-mejjet George Thewma u Maria Cassar, Josephine Bajada, Georgia Thewma, Jack Thewma u Maria Thewma fil-kwalita' taghhom ta' eredi tal-mejjet George Thewma u l-istess Maria Thewma f'isimha proprju, li in forza taghha eccepit illi:

Huma jaderixxu ghat-talbiet attrici u ghalhekk jammettu t-talbiet attrici.

Pero', ghandu jirrizulta illi n-nuqqasijiet illi minnhom qed jilmentaw l-atturi ma kinux dovuti ghal xi tort da parti tal-esponenti, u ghalhekk l-esponenti ma ghandhom ibatu ebda parti mill-ispejjez ta' dan il-gudizzju.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed jitolbu lill-Qorti tiddikjara nulla sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza Kostituzzjonali taghha ghar-raguni li din inghatat meta wiehed mill-

partijiet kien miet qabel ma l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Jirrizulta illi fit-3 ta' Ottubru 2000, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) tat sentenza li permezz taghha gie deciz illi l-ligi dwar il-konverzjoni tac-cens tammonta ghall-vjolazzjoni tad-dritt fondamentali tat-tgawdija ta' proprjeta' kif protett bil-Konvenzjoni Ewropea.

Jirrizulta illi fil-mori ta' dawk il-proceduri, gie nieqes wiehed mill-partijiet, George Thewma, u hadd ma kien assuma l-atti ghalih u ma kienet saret ebda trasfuzjoni tal-gudizzju dwaru.

Is-sentenza ghaddiet in gudikat.

Ikkunsidrat illi huwa ormai ben stabbilit fil-ligi ta' Malta u l-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati li sentenza moghtija minn dawn il-Qrati tista' tigi mpunjata biss bil-metodi previsti mil-ligi u cioe' l-procedura tal-appell u dik straordinarja ta' ritrattazzjoni. Ma jezisti ebda mod iehor li jista' jwassal ghall-bdil ta' sentenza.

Din il-Qorti diversament presjeduta (Imh. T. Mallia) fil-kawza "Bartolo vs Vassallo" (deciza fit-3 ta' Ottubru 2002) nisget l-izvilupp tal-pozizzjoni ta' dawn il-Qrati fic-cahda tal-proceduri ta' "restitutio in integrum" tad-Dritt Ruman u elenkat l-insenjament ta' dawn il-Qrati fil-kuntest, b'referenza ghall-kawzi bhal "Misrahi vs Cassar" (deciza fit-12 ta' Lulju 1965) u hafna ohrajn. Il-Qorti taghmel referenza ghal dik is-sentenza anke ghal dak li jirrigwarda l-procedura li gie li qed titqies bhala t-tielet rimedju u cioe' l-procedura ghat-tutela tad-drittijiet tal-bniedem (ara "Cuschieri vs Prim Ministru", deciza fis-7 ta' Frar 1996).

Ir-rikorrenti Prim Ministru et jikkwotaw in sostenn mat-tezi taghhom is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) moghtija fis-17 ta' April 2009 (Imh. Ph. Sciberras) fil-kawza "Farrugia et vs JIT Trading Ltd", fejn dik il-Qorti rriteniet hekk:

"*Il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jistatwixxi fl-Artikolu 806 tieghu, il-procediment li ghandu fil-kaz tal-mewt ta' xi parti, jigi esegwit mill-werriet, l-ezekutur jew minn kull wiehed iehor li jkollu interess ghal-legitimazzjoni tal-atti. Per principju, is-sentenza li tigi moghtija minghajr ma tkun saret din il-procedura hija nulla jekk meta miet il-parti, il-kawza ma tkunx ghadha waslet fl-istat li tista' tigi deciza (ara "Giuseppe Callus vs Raffaele Psaila", Appell Kummercjali, 21 ta' Novembru 1932).*"

Konvenjentement, pero', donnhom jiskartaw dak li kompliet tghid il-Qorti f'dik is-sentenza:

"*Dan premess, hemm qbil pero' mal-affermazzjoni tal-appellanti illi, fuq it-taghlim tal-Mattirolo u tal-Mortara adoperat fil-gurisprudenza taghna, il-principju ma huwiex wiehed assolut u, anzi jsofri limitazzjoni meta l-kawza tkun waslet fi stat li tkun tista' tigi gudikata. Ara, fost ohrajn, "Rev. Arcipriet Kanonku Dun Gio Carlo Burlo nomine vs Avv. Dr. Joseph Galea et nomine", Prim'Awla, Qorti Civili, 3 ta' Marzu 1964. Hemm ukoll qbil ma' l-appellanti illi l-eccezzjoni relattiva tan-nullita (hlief fil-kaz ta' divizjoni) tmiss biss lil persuna li ghandha l-istess interess li kellha l-persuna l-mejta ghaliex "quella eccezione non era di ordine pubblico, ma accordata unicamente agli eredi e successori del contendente morto, i quali potevano rinunziare alla stessa ..." ("***Giuseppe Pace et -vs- Consolata Camilleri et***", Appell Civili, 4 ta' Gunju, 1932). L-applikazzjoni ta' dan il-principju jabbunda fil-gurisprudenza taghna. Ara "***Alfredo Tonna -vs- Emanuele Vella et***", Appell Civili, 23 ta' Gunju, 1952 u "***Carmela Mallia et -vs- Beatrice Camilleri***", Appell Civili, 21 ta' Ottubru, 1988.*"

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, ghalhekk, l-interess fl-azzjoni odjerna, ghalhekk mhuwiex tal-atturi izda se mai, tal-eredi tal-persuna li mietet fil-mori tal-proceduri.

Ghalhekk, galadarba l-Qorti qieghda tqis li dawn iz-zewg eccezzjonijiet tal-intimati huma fondati u ser tilqaghhom, mhijiex ser tindaga oltre dwar il-mertu tas-sentenza kif stednuha taghmel l-istess intimati permezz tan-nota ta'

sottomissjonijiet taghhom. Kieku kellha din il-Qorti b'xi mod tikkonsidra l-mertu tas-sentenza li taghha r-rikorrenti qed jitolbu t-thassir, logikament tkun qed tmur kontra dan l-insenjament hi stess.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjonijiet ta' Nicholas Jensen, Agnese Gera de Petri u Alfred Gera de Petri ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Irene mart John Bache t-tlieta kemm f'isimhom proprju kif ukoll fil-kwalita' taghhom ta' eredi tal-mejta Helen Miles, Mario Galea Testaferrata, Anna Maria mart John Spiteri Debono kemm f'isimha proprju kif ukoll ghan-nom ta' Karen mart it-Tabib Joseph Preziosi, fis-sens li ntqal aktar 'il fuq f'din is-sentenza u tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-Prim Ministru, Vici Prim Ministru u l-Ministru tal-Gustizzja u l-Intern.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------